- **Il-ġabra tal-quddies tal-Ħadd** fil-weekend li ġej 5 u 6 ta’ April se tmur b’risq is-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta’ Ġesù fejn b’tant dedikazzjoni tħejjew is-saċerdoti kollha tagħna u fejn għadhom qed jiġu ffurmati is-seminaristi tagħna huma u jfittxu kif Alla qiegħed isejħilhom biex jingħataw f’servizz għall-Knisja. Ejjew inkunu ġenerużi f’dan iż-żmien tar-Randan ma’ dan il-post tant għażiż u bżonjuż għall-futur tal-Knisja f’Għawdex.



**Pellegrinaġġ** bl-istatwa devota ta’ **Marija Addolorata** nhar il-Ġimgħa 11 ta’ April. Jitlaq fis-6.00pm minn Triq l-Arċipriet Saver Cassar u jgħaddi minn Triq Papa Pawlu VI, Triq Karlu Zimech, Triq it-Torri ta’ Kenuna, Triq il-Madonna ta’ Lourdes, Triq Dun Bernard Haber u Pjazza San Pietru u San Pawl. Mal-wasla lura fil-Bażilika nieħdu sehem flimkien fil-quddiesa. Ikun hemm ukoll saċerdoti disponibbli għall-Qrar.

- Inħeġġukom ilkoll tingħaqdu magħna għal erbat ijiem ta’ tagħlim permezz tal-**eżerċizzi dwar is-sens taċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi tal-Misteru tal-Għid** u l-grazzja kbira li nistgħu ngawdu minnu ta’ kull ġimgħa fl-Ewkaristija tal-Ħadd. Se jmexxihom ir-Rettur tas-Seminarju tagħna Dun Joe Bajada. Mit-Tnejn 7 sal-Ħamis 10 ta’ April fil-5.30pm fil-Bażilika.

- Nhar it-Tnejn 7 ta’ April **il-Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta’ Ġesù**, jistedinkom għand is-Sorijiet Franġiskani, għat-talba tar-Rużarju fl-4.00pm u wara Quddiesa.
  Ċelebrant: Dun Salv Grima.

- L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li nhar il-Ħamis 10 t'April se ssir **żjara lir-Redentur tal-Isla**. Wara nżuru wkoll Marsaxlokk. Niltaqgħu l-Pjazza fit-7.45am biex naqbdu l-vapur tat-8.30am. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

## AVVIŻI PURĊISSJONI ĠIMGĦA KBIRA NADUR

Ma’ dan il-bullettin qed jitqassam envelop f’kull dar fil-Parroċċa, sabiex minn jixtieq jagħti xi donazzjoni għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jkun jista’ jagħmel dan. L-envelop jista’ jew jingħata lill-Arċipriet jew jintefa’ fil-ġabra li ssir waqt il-quddies. Bħal dejjem aħna konvinti mill-ġenerożità tal-poplu Naduri u ta’ dan ngħidulkom grazzi bil-quddiem. Iżda l-isbaħ ħlas jingħata lilkom minn Sidna Ġesù Kristu li l-passjoni tiegħu, il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, tirrakkonta b’mod viżwali.

## FJURI TAL-VARI

Bħas-snin l-imgħoddija l-vari tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ser jiġu mżejna bil-fjuri friski. Ovvjament din hija spiża mhux żgħira u għalhekk ser terġa’ tkun il-ġenerożità tagħkom li bħas-soltu tgħinuna sabiex inkopru parti minnha. Għalhekk min jixtieq jikkontribwixxi billi jħallas il-fjuri ta’ xi vara partikulari jew b’xi donazzjoni oħra, huwa mitlub li javviċina lill-Arċipriet, xi saċerdot jew xi membru tal-Kumitat Purċissjoni Ġimgħa l-Kbira.

## PERSUNI LI JĠORRU L-KTAJJEN WAQT IL-PURĊISSJONI

Dawk il-persuni li jixtiequ jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, billi jġorru l-ktajjen huma mitluba li jagħtu isimhom u dettalji oħra lil Mario Bugeja fuq in-numru tat-telefown 21558408 (wara s-6.30pm) jew lil Dun Joe Cardona fuq in-numru 99847101.

## Il-Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA’ ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am